**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 17 ta' Ottubru, 2001**

**Numru** **8**
**Citaz. Nru.** **486/94 FD**

**Raymond Cassar**
**vs**
**Anne Cassar nee` Busuttil**

**Il-Qorti,**

Rat l-atti tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjoni necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-kontendenti zzewgu fis-7 ta' Dicembru, 1990 fil-Knisja tal-Madonna ta' Loreto, Gwardamangia, kif jidher mic-certifikat taz-zwieg (Dok. A) u peress li sal-lum minn dan iz-zwieg ma twieldu ebda tfal;

Premess illi kif ser jirrizulta mit-trattazzjoni tal-kawza u anki mill-affidavit li qed jigi pprezentat kontestwalment da parti ta' l-attur il-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'difett serju tad-diskrezzjoni tal-gudizzju dwar il-hajja matrimonjali, jew dwar id-drittijiet u obbligi essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghall-konvenuta li taqdi l-obbligazzjoniet essenzjali taz-zwieg; u anki ghax il-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja taz-zwieg, jew tad-dritt ghall-att konjugali, fatti dawn li jirrendu l-imsemmi zwieg null u bla effett;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi iz-zwieg li sar bejn il-kontendenti fis-7 ta' Dicembru, 1990 huwa null u bla effett minhabba r-ragunijiet fuq indikati jew xi wahda minnhom; u

2. Tiddeciedi wkoll li ladarba il-htija ghall-annullament mhix ta' l-attur, dan ghandu jigi mehlus minn kull obbligu li jhallas manteniment lill-konvenuta, ghal zmien hames snin wara il-pronunzjament ta' l-annullament, skond il-ligi.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati kif ukoll l-elenku tad-dokumenti ezebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta illi fiha hija eccepiet:-

Illi t-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi z-zwieg bejn il-kontendenti kien validu meta sar u ma kienux jezistu l-ebda cirkostanzi legali illi b'effett taghhom jista' jinghad li z-zwieg kien null;

U ghamlet ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat id-Digriet taghha tat-30 ta' Gunju 1994 fejn gie nominat Dr. Mark Chetcuti bhala perit legali u t-Tabib Psikjatra Dr. Joe Pullicino bhala espert psikjatriku biex jirreletaw dwar il-fondatezza tad-domandi attrici fid-dawl ta' l-eccezzjonijiet sollevati u jaghmlu l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

L-imsemmi espert psikjatriku gie nieqes fil-mori ta' din il-kawza u gie sostitwit bit-Tabib Dr. George Debono bl-istess inkarigu u fakoltajiet permezz tad-Digriet tat-22 ta' Ottubru 1997;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmi Dr. Mark Chetcuti li tinsab a fol 71 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-Udjenza tat-8 ta' Ottubru 1999;

Rat in-noti studjati u estensivi ta' l-abbli difensuri pprezentati wara l-imsemmi rapport; kif ukoll il-verbal ta' l-Udjenza ta' l-24 ta' Jannar 2001;

Semghet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi l-attur ipprezenta din il-kawza fejn talab li jigi dikjarat null u bla effett iz-zwieg li huwa kien ikkuntratta mal-konvenuta fis-7 ta' Dicembru 1990 u dan peress li l-kunsens taghha kien vizzjat minhabba nuqqas ta' diskrezzjoni mehtiega ghaz-zwieg u peress illi kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg;

Illi dan iz-zwieg sar qabel ma gew approvati l-emendi fl-Att dwar iz-Zwieg illi dahlu in vigore fl-1995 u ghalhekk nonostante d-Decizjoni moghtija mit-Tribunal Ekklesjastiku u d-Digriet ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ta' l-24 ta' Novembru 1999, din il-Qorti sejra tghaddi biex tikkonsidra t-talbiet formolati fic-citazzjoni;

Illi l-bazi tat-talba ta' l-attur ghall-annullament hija mibnija fuq id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (d) u (f) ta' l-Artikolu 19(1) ta' l-Att dwar iz-Zwieg;

Illi z-zewg partijiet jaghtu stampi assolutament differenti jew ahjar opposti tac-cirkostanzi kollha

tal-kaz kemm dawk qabel iz-zwieg, kemm dawk waqt z-zwieg u anki dawk sussegwenti ghaz-zwieg;

Illi huwa tassew sinifikanti illi l-attur proprju flimkien mac-citazzjoni pprezenta wkoll affidavit dettaljat ta' tlettax-il pagna dattiloskritti u dan minflok jibda kif is-soltu jsir biex jirrakkonta kif iltaqghu il-partijiet u x'kienet id-disposizzjoni taghhom fl-ewwel laqghat, hu mar mill-ewwel ghall-punt li ghalih huwa suprem. Ma jghid xejn dwar l-ewwel seba' snin li huma ghamlu flimkien; huwa jattakka dritt b'dan il-kliem "*Jiena hawn taht iffirmat Raymond Cassar iltqajt l-ewwel darba ma' Anna Busuttil fl-24 ta' Novembru 1981 u domna gharajjes sas-7 ta' Dicembru 1990. Fl-20 ta' Jannar 1988 (seba' snin wara) jiena flimkien ma' l-gharusa tieghi, huha u l-gharusa tieghu morna naraw bicca art f'Saint Andrews. L-art ghogbitna u ddecidejna li nixtruha bejnietna biex nibnu zewg semi-detached, wahda ghalina u wahda ghal huha. Peress li dak iz-zmien jien kelli l-iskola u ma stajtx immur ghand in-nutar ghal konvenju li sar fil-21 ta' Jannar 1988 ftehmna li jmur il-papa` ta' l-gharusa u jiffirma temporanjament ghalina. Gara li missier l-gharusa ddecieda, bla ma jiena naf b'xejn, li jixtri l-art fuq uliedu cioe` nofs fuq l-gharusa tieghi, u nofs l-iehor fuq huha John Busuttil u jiena bqajt barra. Jiena dan ma ghogobni xejn u insistejt ma' l-gharusa li l-kuntratt ghandu jsir fuqi u fuqha, fuq nofs l-art, ghax missierha ma kellu l-ebda dritt li jaqlani 'l barra minghajr ma jikkonsultani.*" F'dan l-affidavit ta' l-attur ma jissemma xejn hlief dikjarazzjoni dettaljata dwar dak li gara fuq l-art u fuq il-kuntratt li sar dakinhar taz-zwieg;

Illi l-Qorti qatt ma kellha okkazzjoni ohra li tara stqarrija bhal din; dan huwa affidavit twil u dettaljat li ma jaghti ebda forma ta' referenza ghal dawk li kienu cirkostanzi qabel il-gurnata tat-tieg; kull ma laqat lill-attur kienet il-problema ta' l-art u jispjega l-problemi li kellhom minhabba dan il-famuz kuntratt u dak li gara minn hemm 'il quddiem;

Illi l-Qorti ma tistax ma tosservax b'ghageb kbir illi fost dan l-inkwiet kbir u kontinwu bejn il-kontendenti l-attur spjega li "*testment ma tridx taghmel ghal xi raguni jew ohra ghax tghid li ma ghandix interess. Ghalxejn nghidilha li fl-interess taghna t-tnejn li jsir.*";

Illi huwa jikkontendi li minn dakinhar tat-tieg hija riedet tivvendika ruhha minnu ghall-agir tieghu dakinhar stess. Dwar dak li gara wara t-tieg huwa jaghti stampa ta' mara li ma kellha ebda interess la fih, la fid-dar matrimonjali li kienet qed titlesta, la hadet parti biex din tigi kompluta minn kollox u tinzamm fi stat adegwat, u wisq anqas fil-hajja matrimonjali ta' bejniethom bl-elementi kollha li din iggib ghal min jidhol ghaliha;

Illi l-konvenuta xehdet dwar ic-cirkostanzi u r-relazzjonijiet ta' bejniethom fit-tmien snin li damu flimkien qabel iz-zwieg, pero` hi xehdet principalment dwar ir-relazzjonijiet allegatament hziena li l-attur kellu ma' missieru u kif il-familja tieghu ma riditx illi huwa jkompli fl-gherusija tieghu maghha;

Dwar l-art li kienet inxtrat biex fuqha tinbena d-dar taghhom hija kkonfermat li missierha mhux biss

hallas ghal sehemha meta sar il-kuntratt imma wkoll hallas ghal xi xoghlijiet inizjali fil-kostruzzjoni taghha. Hija tghid li l-attur kien jaf b'dan kollu u ghalhekk hu qatt ma oggezzjona ghal dak li kien qed isir. Kien biss ftit xhur wara li "*f'daqqa wahda l-attur qalli li ried nofs l-art u ried jehodha minghand hija;*" meta huma qalu b'dan lil missierha huwa accetta ghaliex bir-rifusjoni ta' nofs il-flus li kien hareg (cioe` is-sehem li kien hareg ghall-konvenuta) kien ikun jista' jghin finanzjarjament lil huha li wkoll kien qed jahseb biex jibni fejn joqghod; hija tghid illi allura l-attur rega' bdielu u anzi rringrazzja lil missierha ghal dak li kien qed jaghmel maghhom;

Illi din il-posizzjoni kompliet ghal tliet snin shah u l-attur kien jahdem u jikkontribwixxi sostanzjalment ghal bini li kien qed isir fuq l-art; ghaddew kwazi tliet snin sal-jum tat-tieg u kien biss ftit xhur qabel iz-zwieg illi l-attur rega' qajjem il-kwistjoni u l-konvenuta urietu li ma kienetx taqbel ma' dak li kien qed jipproponi l-attur u qaltlu li ma riditx kunfidenzi mal-familjari tieghu. Kien proprju jumejn biss qabel it-tieg li l-attur rega' insista li jsir it-trasferiment: "*Jumejn qabel it-tieg l-attur rega' ghamel stress fuq il-plot, u dakinhar stess tat-tieg, l-attur cempilli u qalli li jekk hija ma kienx ser jitrasferilu nofs id-dar huwa ma kienx ser jigi ghat-tieg filghaxija. Dan wara li gurnata qabel it-tieg l-attur kien qal lil missieri li ma riedtx ikompli jinsisti fuq il-plot.*";

Illi l-Qorti ppruvat tifhem l-istat li fih kienu jinsabu l-konvenuta u l-familjari taghha meta ftit sighat qabel ic-cerimonja, li kif qal l-istess attur

kellha turi "*l-imhabba, karezzi jew komportament li solitu wiehed jara normalment bejn nies li jkunu qed ihejju ghaz-zwieg*" huma kellhom isibu nutar u flimkien ma' missier l-attur jitilqu kollha lejn l-ufficcju tieghu fil-Belt biex jippubblikaw il-kuntratt li bih hu l-konvenuta kellu jittrasferixxi n-nofs indiviz tal-plot in kwistjoni lill-istess attur. Rinfaccati bit-theddida espressa ta' l-attur illi huwa ma kienx ser jigi biex jizzewweg filghaxija, il-Qorti ma tifhimx illi l-konvenuta u l-familjari taghha kellhom wisq alternattivi. L-attur stess jghid li proprju fi triqithom lejn l-ufficcju tan-nutar: "F*i triqitna ghall-Belt, Anna qaltli li talli ghamilt hekk, hi mhix ser tafdani izjed. Jiena rrispondejt li jekk ser tinbidel nistghu ma nizzewgu xejn. Qabel dhalna fil-bieb tan-nutar, jien ergajt staqsejtha b'lehen gholi b'mod li jismghuni l-membri l-ohra, jekk hix ser tinbidel. Hi b'mod ambigwu qaltli li ser tibqa' l-istess.";*

Illi x'gara waqt it-tieg ftit sighat proprju wara din il-battikata huwa ghal kollox ovvju u l-Qorti kellha wkoll l-okkazzjoni tara is-siltiet mill-video li gew lilha indikati mill-attur u dawn ma jaghmlux haga ohra hlief jikkonfermaw u jirriflettu l-konsegwenzi logici ghal dik il-vizita ghall-gharrieda li saret ghand in-nutar mill-kontendenti u mill-familjari taghhom;

Illi l-konvenuta fid-deposizzjonijiet taghha tipprova tispjega li hija xtaqet illi wara z-zwieg kollox jimxi sew fil-hajja normali taghhom imma l-Qorti taqbel ma' l-osservazzjoni ta' l-abbli relatur meta qal illi: "*Il-benessere tal-familja jew kif jinghad fil-gurisprudenza rotali il-'bonum*

*coniugum', kien nieqes fil-partijiet fil-mument tal-kunsens. Huma hadu l-posizzjoni taghhom cara dakinhar tat-tieg. Jekk kien hemm xi dubju li dan ma kienx il-kaz, dawn id-dubji jispiccaw b'dak li gara fil-hajja hekk imsejha mizzewga, ghaliex dan iz-zwieg ma inghex fil-prattika. L-attur kien gia qed jitkellem fuq annullament tliet xhur wara t-tieg. Mill-provi jirrizulta biss nuqqas ta' qbil, disinteress u glied bejn il-kontendenti.*";

Illi l-Qorti fliet bl-akbar reqqa d-deposizzjonijiet tal-kontendenti u tal-familjari taghhom u ma tarax li b'xi mod irrizulta li kien hemm xi nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fil-kunsens moghti miz-zewg partijiet; kienu jafu sew dak li kienu dehlin ghalih, u l-istat socjali taghhom kif ukoll l-eta` relattivament avvanzata taghhom ma jindikawx li kellhom xi dubju dwar l-importanza ta' l-istat taz-zwieg bid-drittijiet u bid-doveri kollha li dan jimporta ghall-kontraenti;

Illi fin-noti sussegwenti ghar-rapport peritali, intqal li wara li gie nieqes l-espert psikjatra Dr. Joe Pullicino ma kien inhatar hadd biex jissostitwih u kien hemm il-htiega ta' intervent ta' psikjatra anke f'dan l-istadju avvanzat; dan mhux korrett ghaliex b'Digriet tat-22 ta' Ottubru 1997 din is-sostituzzjoni kienet saret imma rrizulta li ma gietx segwita; inoltre il-verbali ta' l-ahhar udjenzi jispjegaw is-sitwazzjoni ahjar;

Illi mir-rizultanzi processwali ma deher l-ebda hjiel ta' xi nuqqas psikologiku serju.

Illi l-attur ibbaza t-talba tieghu wkoll fuq l-allegat vizzju fil-kunsens kontemplat fl-Artikolu 19(1)(f) ta' l-Att dwar iz-Zwieg;

Illi c-cirkostanzi li riedu jigu analizzati taht dan in-nuqqas huma differenti minn dawk ta' l-ewwel premessa. Il-Qorti hi tal-fehma li s-suggezzjoni kwazi totali ta' l-attur ghal dak li kien ifesfislu jew jimponilu missieru u l-ebbusija tar-ras tal-konvenuta jimmilitaw favur l-akkoljiment tat-talba fid-dawl ta' dan is-subinciz. L-attur hassu kuntent u sodisfatt li kienet irnexxietlu l-manuvra orkestrata minn missieru u haseb li kien rebah il-gwerra; dik ir-rebha kienet biss battalja importanti imma l-gwerra ma rebahhiex. Il-konvenuta, li aktarx fehmet l-importanza ta' dik il-glieda pero` hasbet li una volta tizzewweg tkun tista' tilhaq dak kollu li riedet, falliet ukoll fl-iskopijiet taghha; il-fatti urewha li dan ma kienx ta' importanza finali ghal hajjitha u kien ikun ferm ahjar ghaliha u anke ghall-attur kieku baqghet xebba (dawn il-konsiderazzjonijiet jeskludu l-ferh u l-imhabba li t-twelid tat-tarbija gab mieghu ghalkemm dan kien ghal kollox mahrug mis-sentimenti u mill-hajja tal-kontendenti bhala koppja mizzewga) u ddecidiet li ma tkomplix biz-zwieg ftit sighat wara;

Illi l-Qorti taqbel ma' l-osservazzjoni ta' l-abbli relatur meta stqarr illi kien "*konvint illi hareg fid-deher fl-ahhar ta' l-gherusija bejn il-kontendenti l-indhil u opposizzjoni tal-familja ta' l-attur ghall-konvenuta u r-rabta ta' l-attur maghhom li waslu biex jhedded li ma jizzewgux jekk ma jsirx it-trasferiment ta' l-art. Hareg car ukoll il-konsegwenti attegjament iebes tal-konvenuta li kienet lesta tersaq ghac-cerimonja taz-zwieg pero`*

*konvinta li l-gharus taghha ma kienx committed lejha imma lejn familtu u dan urietu bi kliemha bl-attegjament taghha waqt ic-cerimonja tat-tieg. Din ir-rabta dajfa dehret ukoll fit-tul taz-zmien ta' l-gherusija u l-falliment totali taz-zwieg sa mill-bidu taz-zwieg innifsu. Il-kontendenti t-tnejn dahlu ghaz-zwieg neqsin mill-fiducja f'xulxin u nuqqas serju li jghixu hajja mizzewga fit-totalita` taghha ghall-eskluzjoni ta' kollox. Huma naqsu mill-obbligu ta' fiducja lejn xulxin u fil-fatt ma ghejxux il-hajja fiz-zwieg u ta' komunjoni bl-intenzjoni li jkollhom relazzjoni interpersonali li ssib il-milja taghha fil-hajja mizzewga."*;

Illi dwar t-talba cioe` dik relattiva ghall-hlas tal-manteniment wara d-dikjarazzjoni ta' l-annullament, l-attur ibbaza din it-talba fuq li "*ladarba il-htija ghall-annullament ma hijiex ta' l-attur*"; kif jidher minn dak li intqal hawn fuq mhux talli l-attur ma ppruvax li hu ma kienx hati ghac-cirkostanzi li wasslu ghad-decizjoni odjerna anzi jidher car li hu kellu l-htija principali ghal dak li wassal ghal vizzju fil-kunsens taz-zewg kontendenti.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Domanda u tiddikjara null u bla effett iz-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fis-7 ta' Dicembru 1990 u dan minhabba difett fil-kunsens moghti miz-zewg kontendenti a tenur ta' l-Artikolu 19(1)(f) ta' l-Att dwar iz-Zwieg; u

Tichad it-Tieni Domanda kif formolata fic-citazzjoni;

L-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur